VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,305, 4 ta' Settembru, 2014
Taqsima B

A.L. 311 tal-2014

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għas-Certificate in Arabic for Business and Communication – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Arti bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għas-Certificate in Arabic for Business and Communication taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Arti;

"iċ-Ċertifikat" tfisser is-Certificate in Arabic for Business and Communication;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għas-Certificate in Arabic for Business and Communication; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2014 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul skont ir-Regolamenti għad-Dħul tal-Università.

(2) L-applikanti li jidħlu skont is-sottoparagrafu (a) (iii) tal-paragrafu (2) tar-regolament 2 tar-Regolamenti għad-Dħul għandu jkollhom il-kwalifiki u/jew l-esperjenza li jissodisfaw lill-Bord permezz ta' intervista li huma laħqu l-livell akkademiku meħtieġ biex isegwu l-Kors bi profitt.

(3) L-intervisti għandhom ikunu mmexxija minn bord maħtur għal dan il-għan u magħmul għall-anqas minn tliet membri.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors jinfirex fuq medda ta' żewġ semestri ta' studju fuq bażi *part-time*.

Il-Programm tal-Kors

5. Il-Kors għandu jikkonsisti f'għadd ta' taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 30 krettu ECTS.

6. Il-Bord għandu jippubblika l-programm ta' studju mfassal skont il-provvedimenti rilevanti tar-Regolamenti Prinċipali u approvat mis-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors. Bl-approvazzjoni tas-Senat, fil-każ li l-Bord ikun kostrett jagħmel xi tibdiliet, l-istudenti għandhom isegwu t-taqsimiet studju u jiksbu l-kretti kif indikat fil-programm ta' studju.

Ir-Riżultat tar-Rikonoxximent

7. (1) Iċ-Ċertifikat jingħata lill-istudenti li jiksbu l-kretti kollha indikati fl-ordinament 5.

(2) L-ismijiet tal-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti taċ-Ċertifikat għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku.